MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 531/2005

**Noel Calleja u Anthony Calleja**

**vs**

**London Services Limited (C3951)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 1 ta' Gunju 2005 fejn esponew: -

Illi l-atturi kienu ffirmaw bhala diretturi tas-socjeta` Euro Equipdata Limited standard form contract ta' Vehicle Lease Agreement mas-socjeta` konvenuta fil-21 ta' April 2002 (Dok A);

Illi l-atturi qabel ma' iffirmaw dan il-kuntratt iddiskutew mas-socjeta` konvenuta dwar il-kundizzjonijiet tal-*lease*

*agreement* u s-socjeta` konvenuta hadet l-intrigu li tispjega bosta punti li kien hemm fl-iskrittura in kwistjoni;

Illi l-ahhar tal-iskrittura u precizament ezatt wara l-iffirmar tal-atturi u separat mill-kundizzjonijiet l-ohra tal-iskrittura kien hemm imnizzel *"The signatories for the Lessee in their personal capacity hereby stand surely "in solidum" with the Lessee"*;

Illi waqt id-diskussjonijiet kollha s-socjeta` konvenuta ma nformatx l-atturi li huma kienu se jkunu garanti personalment fuq din l-iskrittura u fil-fatt ma kinetx wiehed mill-kundizzjonijiet elenkati fl-iskrittura;

Illi f'kaz li kienu jafu b'din il-garanzija personali, l-atturi ma kenux jiffirmaw tali skrittura;

Illi effettivament irrizulta li dakinhar huwa, minghajr ma kienu konxji ta' dan, l-atturi dahlu ghal garanzija personali lis-socjeta` Euro Equipdata Limited dan gara biss minhabba li l-istess kunsens tal-atturi gew zvijati mis-socjeta` konvenuta dwar is-sustanza tad-dokumenti li gew mitlubin jiffirmaw, cioe`, minhabba li fl-ebda hin ma gew indikati lilhom li kien qed jidhlu garanti ghall-obbligi tas-socjeta` Euro Equipdata Limited;

Illi ghalhekk, il-garanzija personali tal-atturi kienet rizultat ta' vizzju tal-kunsens taghhom billi kif jigi pruvat fil-kors tat-trattazzjoni gew ingannati meta ffirmaw ghal garanzija tal- 21 ta' April 2002, garanzija li ma kienux pronti jipprovdu kieku gew spjegati lilhom verament x'kienet qed jigu mitluba jiffirmaw ghalihom;

Tghid ghalhekk l-istess socjeta` konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-kunsens tal-atturi biex huma taw il-garanzija personali datata 21 ta' April 2002 lis-socjeta` Euro Equipdata Limited, kien vizjat fit-termini u skont l-Artikolu 976 u 981 tal-Kodici Civili u billi gew ingannati u fl-ebda hin ma kienu konxji li kienu qed jiffirmaw ghal garanzija gdida;

2. Tiddikjara l-istess garanzija personali li l-atturi taw lis-socjeta` konvenuta datata 21 ta' April 2002 fir-rigward *leasing* ta' vettura lis-socjeta` Euro Equipdata Limited hija konsegwentement nulla u bla effett.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta` konvenuta li qed tigi ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta London Services Ltd (C-3951) datata 21 ta' Gunju 2005 (fol 17) fejn esponiet:

1. Illi preliminarjament, l-azzjoni odjerna hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 1222(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess atturi, u dan *stante* illi assolutament f'ebda mument ma gie ezercitat bi kwalunkwe mod xi forma ta' qerq jew frodi kif allegat mill-atturi sabiex jittiehed il-kunsens taghhom, u ghaldaqstant ma jistax jirrizulta li l-kunsens tal-atturi gie b'xi mod vizzjat meta sar il-kuntratt *de quo* u l-istess atturi ffirmaw f'isimhom *proprio* bhala garanti;

3. Illi l-istess atturi kienu ben konxji dwar il-kundizzjonijiet tal-istess kuntratt, tant illi huma effettivament iffirmaw kull pagna tal-kuntratt *de quo,* kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tat-3 ta' Ottubru 2006 wara li l-istess Qorti rat il-proceduri ta' qabel is-smigh inghalqu.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur ipprezentata *seduta stante* fl-14 ta' Dicembru 2006 a fol 115 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta London Services Ltd datata 15 ta’ Jannar 2007 a fol 122 tal-process.

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn fis-seduta tat-2 ta’ Mejju 2007 (fol 137) fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta’ Ottubru 2007; u l-verbali l-ohra kollha nkluz dak tas-17 ta’ Ottubru 2012 fejn il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghat-28 ta’ Frar 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Frar 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn il-kawza giet differita ghall-Hamis 16 ta’ Mejju 2013 ghall-iskop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Permezz ta' din il-kawza, l-atturi qed jimpunjaw garanzija li ghamlu *in solidum* mad-debitur principali, *Euro Equipdata Limited,* a favur tas-socjeta` konvenuta riferibbilment ghall-ftehim ta' kiri ta' vettura, *stante* vizzju ta' kunsens abbazi ta' zball sostantiv u qerq.

L-atturi jsostnu li ma kienux jafu b'kondizzjoni mfissra fil-ftehim premess li biha saru garanti personali ghall-kumpanija fuq ftehim ta' kiri ta' vettura tal-21 ta' April 2002 u ghalhekk ghamlu din il-kawza biex din il-garanzija tigi dikjarata nulla u bla effett minnhabba li l-kunsens taghhom gie vizzjat *ai termini* tal-artikoli 976 u 981 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Is-socjeta` konvenuta laqghat din it-talba billi ssollevat l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni *a tenur* tal-Artikolu 1222(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll irrespingiet l-allegazzjonijiet attrici bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Il-fatti fis-succint huma s-segwenti. Fil-21 ta' April 2002, gie iffirmat ftehim ta' *leasing* ta' vettura tal-marka *Citroen New XSARA 1.9 Diesel 5-Door Estate,* bin-numru ta' registrazzjoni "DAK 918", bejn is-socjeta` konvenuta u *Euro Equipdata Company Limited*, li saret *Sahara Studios Company Limited,* kif ukoll ma' Noel u Anthony Calleja, Direttur u Segretarju rispettivament tal-imsemmija kumpanija. Noel Calleja kien jiggestixxi s-socjeta` filwaqt li missieru kien jippresta l-firma tieghu biss. Il-ftehim kien ghall-perjodu ta' 72 xahar, b'effett mid-29 ta' Mejju 2002, bil-korrispettiva ta' hlas ta' Lm175 fix-xahar *oltre* l-VAT. Din l-iskrittura tipprovdi li Anthony u Noel Calleja kienu qed jiffirmaw ukoll bhala garanti personali flimkien u *in solidum* mas-socjeta` taghhom, ghall-obbligazzjonijiet hemm assunti.

**Il-Provi.**

**Anthony Calleja,** l-attur, fl-affidavit tieghu[1], xehed li kien is-Segretarju tas-socjeta` *Sahara Studios Company Ltd.* Ibnu, l-attur **Noel Calleja,** kien kera karrozza minghand is-socjeta` *London Services Ltd.* u darba kien gie d-dar biex hu jiffirma l-kuntratt li jirrigwarda l-kiri tal-karrozza hemm imsemmija. Hu haseb li kien qed jiffirma biss bhala xhud ta' dak miftiehem u mhux bhala parti. Ma qarax dak li kien stipulat qabel ma ffirma u ma kienx jaf li kien ser jidhol bhala garanti ghall-kumpanija jew ghal Noel Calleja, altrimenti ma kienx jiffirma.

**Noel Calleja,** ukoll xehed b'affidavit[2] fejn beda biex jghid li hu Direttur tas-socjeta` *Sahara Studios Company Ltd.* li qieghda in likwidazzjoni. Riferibbilment ghall-ftehim ta' kiri, jghid li kellu diskussjonijiet ma' Jason Aquilina, Direttur tal-*Avis,* fejn tkellmu dwar il-kondizzjonijiet tal-*leasing,* li kien ser ikun ghall-perjodu ta' sitt snin versu l-hlas ta' circa mitejn lira Maltin fix-xahar.

---

[1] Esebit *a fol.* 22 tal-process.
[2] Esebit *a fol.23* tal-process.

F'dawn id-diskussjonijiet "*Jason Aquilina qatt ma nfurmani li jien ser inkun personalment garanti ghall-kumpanija tieghi u fuq kollox li jekk jigi terminat il-ftehim tal-leasing, kelli nhallas il-bilanc tal-perjodu li ma kontx uzajt tali vettura. Jekk kont naf b'dawn il-kondizzjonijiet ma kontx niffirma tali skrittura."*

Jason Aquilina irrediga l-ftehim u ddeskrivih bhala "*ftehim standard*" u tah l-impressjoni li m'hemmx kundizzjonijiet barra minn dawk imsemmija. Talab il-firma ta' missieru u x-xhud qal li ha l-iskrittura mieghu biex jitlob lil missieru biex jiffirmah bhala segretarju tal-kumpanija. "*L-ghada li missieri ffirmah tajtu l-iskrittura biz-zewg firem u hadt kopja."*

Sussegwentement is-socjeta` tieghu irriskontrat diffikultajiet finanzjarji u avvicina lil Silvio Ellul, l-*accounts manager* tas-socjeta` konvenuta. Dan tah zewg ghazliet, jew ikompli juza l-vettura u jhallas iktar tard, jew jirritornaha u jhallas ghall-perjodu ta' uzu. Hu accetta din it-tieni ghazla u rritorna l-vettura xi jumejn wara li tkellem ma' dan Ellul. "*Hu ma talabni xejn hlief li qalli li kien ser jibghat il-kont sa dakinhar. Ftit wara Jason Aquilina baghatli 'e-mail' biex inhallas il-bilanc kollu sal-ahhar tal-kuntratt."* Hu stqarr ukoll li waqt it-trattattivi hadd ma nformah li hu u missieru kienu garanti personalment u dan induna b'hekk biss meta giet ipprezentata c-citazzjoni fejn gew imharrkin personalment.

**Jason Aquilina,** *Sales and Marketing Director* tas-socjeta` konvenuta, fix-xhieda tieghu[3], qal li kien hu li nnegozja ma' Noel Calleja dwar il-*leasing*. Il-ftehim kien f'forma ta' *leasing agreement* li juzaw f'kull kaz u bhas-soltu jaghtuh lill-klijent biex jevalwah, u jiddiskutuh maghhom. Fil-kaz odjern, qal li ltaqa' diversi drabi ma' Noel Calleja u tkellmu fuq is-servizz li l-kumpanija konvenuta kienet ser toffri. Il-kuntratt irid jigi ffirmat qabel ma' jaghmlu l-ordni tal-vettura. Hu ta kopja tad-*draft* inizjalata minnu fejn hemm indikat "*signatories' initials"* lil

[3] Esebita *a fol.*36 tal-process.

Noel Calleja. F'kaz ta' diffikulta' l-attur kellu kull opportunita` biex javvicina lis-socjeta` konvenuta.

Hu xehed "*Fil-fatt kien qrah ghax kien gie lura u staqsieni mistoqsija dwar il-kuntratt.”*

Qabel ma tah id-*draft* kien talbu l-istatut tal-kumpanija *Euro Equipdata Ltd,* biex jivverifika r-rapprezentanza taghha. L-abbozz li ghadda lil Noel Calleja kien fih id-dettalji normali tal-*leasing conditions* it-tip tal-vettura, il-prezz, l-*ispecifications* ezatti tal-karozza, u dan anke sabiex il-kontraent ikun kopert li dak li ser jahseb li ser jixtri jkun fil-veru sens tal-kelma kontrattat, il-*lease term, commencement date,* u rata mensili. Hu kkonferma li l-abbozz kien dak kif eventwalment gie ffirmat.

Hu spjega x'gara sal-iffirmar tal-kuntratt. L-attur Noel Calleja kien kellmu diversi drabi dwar is-servizzi offruti u x'kien ser jinkludi fil-kuntratt. Eventwalment ghazel il-vettura u x-xhud talab *quotation* mis-*suppliers* kif ukoll talab l-istatut tal-kumpanija attrici. Meta kellu d-dettalji kollha nkluz l-ispecifications tal-vettura, ipprepara l-abbozz fuq talba tal-attur, u tahulu biex jarah u f'kaz ta' diffikulta`, javvicinahom "*biex jekk ikun hemm xi problemi jista' ukoll jitbiddel."* Spjega li effettivament mela' d-dettalji ghaliex il-kondizzjonijiet huma *standard form.*

Hu ghandu certu diskrezzjoni imma jrid ikun il-klijent li jurih x'jixtieq ibiddel. "*Sa kemm ma tiffirmax, dan mhux finali u wiehed jista' jbiddel...Pero` f'dan il-kaz partikolari l-uniku 'feedback' rilevanti li kelli dwar il-klawsoli kien il-prezz u l-affarijiet normali....Il-firma tat-tliet partijiet issir meta ikun finalizzat il-kuntratt."*

Hu xehed ukoll li f'certu kazijiet ma jkunx bizzejjed li l-kumpanija tkun garanzija ghalihom u jitolbu garanzija personali bhala parti mid-*due diligence* taghhom. "W*aqt il-process tan-negozjar konna ghamilna wkoll diskussjoni fuq il-firmatarji. Fil-fatt wara li kien ha l-abbozz kien talabni ghal fejn kellna bzonn il-firma tas-sur Anthony Calleja, li huwa l-company secretary."* Ix-xhud ma tkellimx ma' Anthony Calleja."*Jiena meta tajtu l-agreement ghidtlu lis-*

*Sur Noel li fil-kaz tal-kumpanija tieghu, ridt wkoll li jkun hemm il-garanzija personali, fil-fatt qieghda hemmhekk imnizzla bil-mitkub."* Hu cahad li giet imnizzla wara u afferma li din il-klawzola hija parti mill-ftehim *standard form. "Jekk wiehed ma ghogbitux is-sistema taghna kellu kull opportunita` biex ma jigix."*

Hu kkonferma li "*l-uniku query li kien hemm kien ghalfejn missieru kellu jiffirma*." Noel Calleja kien gab il-ftehim iffirmata minnu izda minghajr il-firma u lanqas l-inizjalar ta' missieru u allura x-xhud rega' talab il-firma ta' Anthony Calleja wara li spjegalu li kellu bzonn il-firma tas-Segretarju biex jigi finalizzat il-ftehim. "*Rega hadu mieghu u ftit tal-jiem wara, minghajr l-ebda pressure min-naha taghna, gabu lura ffirmat u allura stajna nipprocedu bl-ordni."* Kien wara li gabu hekk iffirmat li x-xhud iffirmah ukoll bil-firma finali tieghu.

**In Kontro Ezami** xehed li meta Noel Calleja gab lura l-ftehim u staqsih ghalfejn kellu bzonn il-firma ta' missieru, hu stess kien gab l-kuntratt inizjalat u ffirmat minnu inkluz il-firma finali. Hu fehem li Noel Calleja kien b'hekk accetta l-kondizzjonijiet tal-ftehim.

**Jason Aquilina** xehed ukoll b'affidavit[4] fejn zied li wara li kien ha l-abbozz, Noel Calleja kien talbu jispjega ghaliex riedu l-firma tal-*Company Secretary* peress li qatt ma ltaqa' ma kondizzjoni simili f'kuntratti ta' *leasing long term* li kien ghamel ma kumpaniji ohrajn. Spjegalu li fil-kaz tieghu ried ukoll il-garanzija personali tar-rapprezentanti tal-kumpanija fuq il-kuntratt u rega’ ha l-kuntratt u ftit wara gabu ffirmat minn missieru. L-arrangamenti biex il-hlasijiet isiru b'*standing order* jew *direct debit* qatt ma saru u kellu jigri wara l-attur ghall-hlas.

Hu ssokta jghid li darba minnhom, Noel Calleja kien talbu verbalment biex jiggaraxxja l-vettura fil-garaxx taghhom, u wiegbu b'ittra tas-6 ta' Awwissu 2003 mibghuta minn **Silvio Ellul** fejn gharrfu li kienu lesti li jiggaraxxjaw il-vettura *ex gratia* izda l-kondizzjonijiet tal-kirja kienu ser

[4] esebit *a fol.* 77 tal-process.

ikomplu japplikaw. Fil-fatt Noel Calleja baqa’ ma wegibx u l-vettura ma gietx iggaraxxjata. Silvio Ellul ma kellux l-awtorizzazzjoni li jagmel l-offerta kif allegata minn Noel Calleja u cioe` li jirritorna l-vettura u jigi terminat il-ftehim.

Eventwalment fethu proceduri kontra *Sahara Studios Company Ltd* kif ukoll kontra Noel u Anthony Calleja ghall-arretrati dovuti permezz ta' kawza fl-ismijiet ***London Services Ltd vs Sahara Studios et.*** *(Cit. 251/04 RCP)* li infethet fit-13 ta' April 2004. Din il-kawza kienet kwazi waslet sal-ahhar, fl-istadju tal-kontro-ezamijiet, meta nfethet il-**kawza** odjerna fl-1 ta' Gunju 2005. Hu esibixxa kopja informali ta’ kawza deciza kontra l-attur fejn il-Bank of Valletta p.l.c. giet kanonizzata kreditur kontrih. **(DOK JA[5])**.

**In Kontro-Ezami,** imbaghad, xehed li ma tkellimx ma' Anthony Calleja hlief meta inzerta li rrisponda ghat-telefon.

**Noel Calleja,** in **Kontro-Ezami** kkonferma li s-socjeta` *Sahara Studios* qieghda in likwidazzjoni. Kien innegozja diversi kuntratti, izda l-*leasing agreement* kien l-ewwel wiehed mal-*Avis.* Hu fittex *quotations* minn diversi kumpaniji u tal-*Avis* kienet l-aktar wahda vantaggjuza. Xehed li kien iltaqa' xi erba' darbiet b'kollox ma' Jason Aquilina. Kien meta iltaqghu biex jitkellmu fuq il-*quotation* li Aquilina talbu l-istatut tal-kumpanija. Fit-tielet laqgha, ix-xhud tah dan id-dokument flimkien ma' riferenza mill-Bank HSBC, u f'din il-laqgha Jason Aquilina pprezentalu l-kuntratt. "*Kien immarkali fejn ghandi niffirma..ma konniex qrajnih il-kuntratt. Kien spjegali bejn wiehed u l-iehor l-affarijiet li ghadni kemm semmejt (prezz, perjodu u servizzi inkluzi fir-renta) u kien immarkali fejn naghmel l-inizjali tieghi u tal-company secretary, dak iz-zmien kien il-papa` tieghi."* Hu ma ffirmahx dak il-hin. Ittardja xi tlett ijiem peress li missieru kien l-Isptar. Bejn laqgha u ohra ghaddew l-aktar xahrejn izda bejn meta ghaddielu l-abbozz u rritornah kien "*matter of days."*

[5] Esebit *a fol.* 81 tal-process.

L-attur xehed li *"l-Avis is a reputable company m'ghandix ghalfejn noqghod inhares lejn certu affarijiet"* u l-abbozz hadu d-dar biex jiffirmah missieru. "*Ma tajtux daqqa t'ghajn...Jekk inti xi hadd qed itik 'quote' u qed timxi skont il-kundizzjonijiet ta' dak il-'quote', jien hassejtni komdu."*

Hu eskluda li l-kwistjoni tal-garanzija personali ssemmiet waqt in-negozjati u meta iffirma "*ma innotajthiex ghar-raguni li meta inti tiddilja.... on a friendship side'..........., qatt ma ssemmew dawn."* B'dan ried ifisser li hass ruhu 'komdu' ma' Jason Aquilina u pogga l-fiducja tieghu fih.. "*ma hassejtx li dan ser jidhaq bija."*

Hu kkonferma li rcieva l-ittra mmarkata **DOK JD,** esibita *a fol.53* tal-process, datata 21 ta' Novembru 2003. Hu kien tkellem ma' Silvio Ellul ukoll wara li ntbaghtet din l-ittra. Xehed ukoll li hu spjega l-ftehim lil missieru u cioe` "*spjega dak li spjegalu Jason.*"

**ANTHONY CALLEJA** in **Kontro-Ezami,** xehed li dejjem halla f'idejn ibnu. Ma hax parti fl-arrangamenti dwar il-kirja tal-vettura u haseb li kien qed jiffirma bhala xhud tal-ftehim u mhux bhala personalment garanti. Ma qarax il-ftehim u ibnu ma qallux x'kien hemm fih. Lanqas kien jaf li kien qed jiffirma fil-kwalita' tieghu ta' segretarju tal-kumpanija. Ibnu ma tahx il-kuntratt - kellu jiffirmah biss. Generalment jaqra qabel ma jiffirma imma f'dan il-kaz ma qrahx. Ibnu ma qallux li kien ser jiffirma bhala xhud imma biss li ghandhom bzonn il-firma tieghu.

Hu kkonferma li rcieva l-ittra mmarkata **DOK JD** u rriferiha lil ibnu. Li kieku kien jaf li kellu jiffirma bhala garanti qatt ma kien jiffirma - la ghall-kumpanija u lanqas ghat-tifel.

**Silvio Ellul,** *Accounts Manager* impjegat mas-socjeta` konvenuta, xehed permezz ta' affidavit[6] u afferma li kellu x'jaqsam ma' Noel Calleja peress li kien ikun moruz fil-hlasijiet. Hu xehed li kien gie avvicinat minn Noel Calleja meta dan kellu jghaddi minn operazzjoni u ma kellux bzonn il-karrozza ghal xahrejn. Ma kienx semma' li ried

---

[6] Esebit *a fol.* 76 tal-process.

jittermina l-kuntratt u din il-kwistjoni tqajmet meta ma felahx ihallas izjed. Cahad kategorikament li qatt tah ghazla biex jew jirritorna l-karrozza u ma jhallasx il-*leasing* jew inkella izomm il-karrozza u jhallas iktar tard u qal li baghat *'e-mail'* u ittra lill-atturi fejn infurmahom li kienu lesti jzommu l-karrozza fil-garaxxijiet taghhom, pero' l-kondizzjonijiet tal- kuntratt jibqghu vigenti. Kien izda offra *credit facility* ta' 90 gurnata ghall-hlas li solitament tinghata lill-klijenti taghhom, izda xorta dan ma kienx bizzejjed ghall-attur. Lanqas qatt ma rcieva xi cwievet minghand Noel Calleja li hu x-xoghol tal-*fleet managers*. Noel Calleja kien avvicinah biss ftit qabel ma infethet din il-kawza u wara bosta interpellanzi ghall-hlas.

**Silvio Ellul**, in **Kontro-Ezami,** xehed li kien beda jitkellem ma' Noel Calleja u baqa' jitkellem mieghu mhux ma' missieru. Il-karrozza kienet giet ikkonsenjata lis-socjeta` konvenuta u qieghda fil-proprjeta` taghhom. Qatt ma qal li kien ser jaghti l-karrozza lura imma biss li ried ihalliha l-garaxx sakemm jaghmel operazzjoni. Huma ghamlulu enfazi li l-kuntratt kien ser jibqa' ghaddej.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

Illi l-kawza odjerna hi bbazata fuq l-Artikoli **976 u 981 tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta**. L-atturi, *di fatti*, qed isostnu li l-kunsens taghhom biex taw il-garanzija personali fuq *Vehicle Lease Agreement* datat 21 ta' April 2002 mas-socjeta` konvenuta, kien vizzjat minhabba zball sostanzjali kif ukoll ghaliex gie karpit b’qerq.

Illi kif inghad fis-sentenza **“Godfrey Aquilina noe vs Vincent Borg et”** (P.A. (AJM) 10 ta’ Marzu 1997 – Vol.LXXXI.iii.44), *“il-kuntratti u konsegwentement l-obbligazzjonijiet naxxenti minnhom, jistghu jigu rexissi jekk jonqos xi wiehed jew izjed mill-elementi essenzjali mehtiega ghall-validita’ ta’ kuntratt u cioe’ kapacita’, kunsens, oggett u kawza lecita.”*

Illi ghalhekk il-kunsens tal-persuna li tassumi l-obbligazzjoni huwa element essenzjali ghall-ezistenza tal-istess obbligazzjoni. Illi skont l-**artikolu 974 tal-Kap 16:**

*"Jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza jew b'ghemil doluz, ma jkunx jiswa."*

**(A) <u>KUNSENS MOGHTI BI ZBALL.</u>**

Illi l-**artikolu 976 (1)** jipprovdi hekk:-

*"L-izball dwar il-fatt ma jgibx in-nullita' tal-kuntratt hlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim."*

Illi fis-sentenza **"A. Aquilina et vs Av. Dottor A. H. Farrugia noe"** (P.A. (RCP) 22 ta' Mejju 2001 – Cit.Nru: 2689/96/RCP) gie kkwotat is-segwenti:-

*"Illi dwar vizzju tal-kunsens minhabba zball, il-ligi tiddistingwi bejn zball dwar il-ligi li ma jgibx nullita` hlief meta dan ikun il-kawza wahdanija jew ewlenija tieghu, u zball ta' fatt li ma jgibx in-nullita` tal-kuntratt hlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim (Art 975 u 976 tal-Kap 16)".*

*"Illi dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna li biex jaghti lok ghat-thassir tal-kuntratt l-izball ta' fatt irid ikun zball sostanzjali. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tat-30 ta' Marzu 1936 fl-ismijiet "**Alessandro Portanier vs Paolo Dalli**" irriteniet li 'errore di fatti' ma jgibx ghan-nullita` tal-konvenzjoni 'se quando cade sulla sostanza stessa della cosa che ne e` l'oggetto'. In sostenn ta' dan saret referenza ghal dak li jinghad minn l-awtur Franciz Laurent (Vol XV, p 455) li fuq dan il-kuncett qal hekk: 'Pothier ci dira` cio` che bisogna intendere per errore sulla sostanza della cosa. L'errore annulla che le parti hanno avuto principalmente di mira e che forma la sostanza di questa cosa. L'errore sulla sostanza e` dunque un errore sulla qualita`, ma non ogni errore sulla qualita` e` sostanziale; bisogna che esso cada su di una qualita` principale, ed e` l'intenzione delle parti quello che deve decidere se una qualita` e` o no principale. E' il caso di applicare il principio di Domat:' Le parti non avrebbero contrattato se avessero saputo che la cosa non aveva quella qualita`*

*che esse le supponevano; l'errore sara` sostanziale".* ("**Godfrey Aquilina noe vs Vincent Borg et**" – P.A. (AJM) 10 ta' Marzu 1997-Vol LXXXI.III.44).

Illi infatti, fis-sentenza **"Sacerdot C. Caruana et vs M.Bugeja"** (A. C. 5 ta' April 1922 – Vol.XXVE.ii.81) illi *"...per invalidare una transazione per errore sull'oggetto, pertanto, l'errore deve aver avuto tanto peso subiettivo sull'animo del contraente, da rendere certo che questi, in difetto di quell'errore, non sarebbe intervenuto...".*

Izda mhux kull zball ta' kwalita` jwassal ghat-thassir tal-ftehim, ghaliex l-izball irid ikun skuzabbli. "*Dan jigri meta jkun kawzat mill-fatt tal-parti l-ohra. Anke hawn pero` gie ritenut illi ma huwiex zball skuzabbli dak li wiehed jaqa' fih meta l-fattijiet li ghalihom jirreferixxi dak l-izball kienu facilment accertabbli* " (**Vol L pII p434**).

Fis-sentenza **"Onorato Pisani vs Negte. Joseph Mamo noe"** (A.K. 7 ta' Novembru 1933 – Vol.XXVIII.i.1218) intqal li *"…l'errore, per essere causa di vizio del consenso, deve essere scusabile. La dottrina da accettarsi nella soggetta materia e' quella secondo cui l'errore non puo' addursi quando e' l'effetto di grande negligenza, per cui il contraente avrebbe potuto accorgersi dell'errore anche con lieve diligenza, perche' in tale caso e' da applicarsi la massima 'qui sua culpa damnum sentit, non videtur damnun sentire'. Ed in applicazione di tale dottrina, la Corte di Appello di Sua Maesta', il di' 28 marzo 1909, in re* ***Axisa vs Aquilina (Collez. Vol.XVII.i.108)*** *ritenne che: 'una dichiarazione di un fatto inserto in un contratto non si puo' impugnare per causa d'ignoranza o di errore, quando colui che la impugna non poteva, nel momento di tale dichiarazione, trovarsi in istato di tale ignoranza od errore."*
Illi dan kif gie kkonfermat fis-sentenza **"M. G. Philips vs R. Storace et"** (A.K 14 ta' Frar 1941-Vol.XXXIA.i.12), kif ukoll **"C. Zarb et vs G. Xuereb"** (A. K. 13 ta' Ottubru 1998-Vol.LXXXII.ii.1027).

**(B) B'GHEMIL DOLUZ**

Illi l-**artikolu 981** jippreskrivi li l-ghemil doluz huwa motiv ta' nullita' tal-ftehim, meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali li minghajrhom il-parti l-ohra ma kinitx tikkuntratta. Izda l-istess artikolu jkompli jghid li dan l-ghemil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ppruvat.

Illi fis-sentenza **"G. Germani Mifsud et noe vs Chierico F. Bonnici"** (A. K. 4 ta' Gunju 1910 – Vol.XXIC.ii.63) il-Qorti tenniet li:-

*"…e' mestiere osservare che ogni uomo savio e prudente, prima di fare una promessa, deve prendere le necessarie cautele esatte dal proprio interesse, e se egli non le ha prese, la legge non gli deve ne' protezione ne' difesa "Leges vigilantibus prosunt" imperocche' se cosi non fosse, la stessa mala fede trarrebbe profitto dalla facilita' di far rescindere le convenzioni, per esimersi dall'obbligo di rispettare i patti che sarebbero i piu' legittimi."*

Kif ukoll:-

*"Se non e' stata impiegata una scaltrezza ed un artifizio riprovato dall'onore per cui anche un uomo accorto sarebbe caduto nel laccio tesogli, il tribunale non puo' asoltare la voce di colui che non puo' la slealta' altrui senza gettare sopra se' stesso la taccia di spensierato ed imprudente, quando la sua cieca ed incompatible fiducia poteva molto facilmente essere istruita."*

Illi skont is-sentenza **"N. Dimech vs Nobbli Markiz N. Zimmermann Barbaro et"** (A. K. 7 ta' Dicembru 1935 – Vol.XXIX.ii.832) mhux kwalunkwe ngann ta' kontrajent wiehed ghad-dannu tal-iehor jammonta ghad-*dolo* rikjest mil-ligi bhala motiv ghall-annullabbilta' ta' kuntratt. L-ingann irid ikun tali li ma jhallix lill-kontrajent ingannat il-kuxjenza ta' dak li kien qieghed jaghmel u l-indipendenza tal-kunsens tieghu; u tali wkoll li minghajru ma kienx jikkuntratta. Id-*dolo* jipproduci l-izball u dan irid ikun invincibbli. Ukoll inghad li bhal ma mhux kwalunkwe skaltrezza pratikata ghad-dannu ta' haddiehor taqa' taht

is-sanzjoni tal-ligi, hekk ukoll mhux kull kredulita’ zejda taqa’ taht il-protezzjoni taghha.

Illi *inoltre,* fis-sentenza **“E. Sciberras vs Nobbli N. Zimmermann Barbaro”** (A.K. 13 ta’ Frar 1946 – Vol,XXXIIC.ii.223) il-Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet: -

*“Illi, kif josserva l-Baudry, l-annullabbilta’ ta’ kuntratt bazata fuq ghemil doluz tissuponi wkoll l-izball li waqa’ fih il-kontraent li jaghmel l-istanza tal-annullament minhabba l-ghemil doluz tal-iehor; imma b’din id-differenza, illi mentri l-izball, bhala motiv per se’ indipendentement mill-ghemil doluz, hemm bzonn li jaqa’ fuq is-sustanza tal-haga, inveci l-izball effett tal-ghemil doluz ma hemmx bzonn li jaqa’ fuq is-sustanza tal-haga (ara loc. Cit. Pg 160, para 117). L-istess jghid il-Laurent (Principi Diritto.Civile, Vol.XV.p.463 para.522) bil-kliem ‘……il dolo e’ sufficiente anche quando l’errore che dal medesimo risulta non e’ sostanziale”. “Illi kif josserva l-Laurent (loc.cit.para 524) ‘ogni vizio del consenso e’ individuale e deve esere valutato dal punto di vista della persona che contratta. Il magistrato deve mettersi al posto di quella per determinare l’influenza che i fraudolenti raggiri hanno potuto esercitare sull’animo di lui…’. L-istess ighid il-Planiol “Dol civil et dol criminal” no.37,pag.571, u l-Baudry, loc.cit.para.103, bil-kliem: “Per conseguenza, nel valutare i fatti che lo costituiscono, dobbiamo chiederci se la persona che ha acconsentito fosse piu’ o meno intelligente, se date le circostanze fosse piu’ o meno facile ingannarla’.”*

Illi fil-kawza **“Alice Cassar Torregiani vs A.R. Manche’”** (A. K. 17 ta’ Marzu 1958 – Vol.XLIIA. i.126) il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet illi "*f’kazijiet bhal dawn l-inganni jridu jkunu ta’ natura li jistghu jaghmlu impressjoni fuq bniedem sensat, u tali li jeccedu l-limiti tal-furberija tollerata fin-negozju; ghalhekk wiehed ma jistax, fil-konsiderazzjoni taghhom, jipprexxindi mill-kondizzjoni personali tal-partijiet; u fil-valutazzjoni taghhom huwa mehtieg li wiehed jara c-cirkustanzi kollha li fihom gie konkjuz in-negozju. Mill-banda l-ohra sakemm ma jkunx hemm dolo fil-veru*

*sens, jew frodi, s-semplici tifhir tal-oggett u l-ezagerazzjoni tal-valur intrinseku tieghu, wehedhom, ordinarjament mhumiex hlief is-solita xorta ta' inkoreggiment li fin-negozju huwa tollerat bhala "dolus bonus", biex dak li jkun jkompli jsahhah il-volonta` tal-parti l-ohra biex tikkonkludi l-ftehim."*

## IV. APPLIKAZZJONI TAL-LIGI GHALL-KAZ *DE QUO*.

Illi mill-provi, xhieda u dokumenti prodotti mill-partijiet din il-Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

Minn qari semplici tal-ftehim esebit a fol 5-11 tal-process (**DOK A),** jirrizulta li wara l-konnotati tal-atturi Noel u ANthony Calleja, u *cioe'* fil-bidu, u mhux biss fl-ahhar tal-ftehim iskritt, hemm imnizzlin il-kliem "*and who also appear in their personal capacity, thereafter referred to in this Agreement as "the Lessee", pro et noe, of the other part."* Gja ghalhekk hu stabbilit li Noel u Anthony Calleja qed jidhru anke fil-kapacita` personali taghhom fuq dan il-*Vehicle Lease* Agreement u assumew , de proprio, u mhux biss fil-kapacitajiet taghhom bhala ufficjali tal-kumpanija, l-obbligazzjonijiet hemm imfissra tal-Kerrej.

Jirrizulta wkoll li l-ftehim hu kontro-iffirmat f'kull pagna bl-inizjali tal-partijiet kollha, u fl-ahhar pagna tal-ftehim, qabel l-*Annex* fejn hemm deskritt il-vettura mikrija u d-dettalji Bankarji, hemm il-firem shah tal-partijiet. Fl-ahhar, wara l-firem shah ta' Noel Calleja u Anthony Calleja, bid-dettalji tal-Karta tal-Identita` rispettivi taghhom, hemm il-kliem "*The signatories for the Lessee in their personal capacity hereby stand surety."*

Stabbiliti dawn il-konstatazzjonijiet, din il-Qorti ser tikkonsidra il-provi prodotti fid-dawl tal-principji legali taghna.

Iz-zewg atturi jaffermaw minghajr tlaqliq, li kieku kienu gharrfu li kienu ser jaghtu garanzija personali mal-kumpanija taghhom ma kienux jiffirmaw il-ftehim. Da parti tas-socjeta` konvenuta, Jason Aquilina kkonferma li din riedet tali garanzija.

Fid-dawl ta' din il-konstatazzjoni, l-atturi qed jallegaw li l-kunsens taghhom kien vizzjat minhabba zball fuq in-natura tan-*negotium (error in negotio)*. Ma hemm ebda dubju, li kieku dan jirrizulta minnu, li l-garanzija personali, ancillari ghall-ftehim ta' kiri tal-vettura, hija annullabbli.

Izda l-verzjoni tal-attur Noel Calleja mhix attendibbli in kwantu li din il-garanzija tirrizulta testwalment mill-ftehim stess u mic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz.

Mhux kontradett li bejn Noel Calleja u Jason Aquilina kien hemm madwar erba' laqghat fuq perjodu ta' xahrejn, u l-attur Noel Calleja kellu, fil-pussess tieghu, l-abbozz gja inizjalat minn Jason Aquilina ghall-diversi granet.

Id-dinamika li fiha zvolgew dawn it-trattativi wkoll tinduci lill-Qorti biex tifhem u temmen li ma kien hemm ebda pressjoni fuq Noel Calleja la biex jiffirma, u lanqas fir-rigward ta' xi terminu ghall-iffirmar. Kien liberu anke biex jaghzel li ma jiffirmax, kif kien liberu biex jaqra u jifli l-ftehim redatt bil-kumdita' kollha.

Fir-rigward tal-attur Anthony Calleja, il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddubita li ibnu ma spjegalu xejn imma qallu biex jiffirma biss, peress li din kienet in-natura tar-relazzjoni taghhom fir-rigward tan-negozju - ibnu kien imexxi u hu kien hemm ghall-firma biss.

Izda hu sinifikanti wkoll li Noel Calleja, fit-tielet laqgha ma' Jason Aquilina, gab l-abbozz lura minnu ffirmat, jigifieri kien gja accetta l-kondizzjonijiet hemm pattwiti, u f'din il-laqgha, Jason Aquilina spjegalu li ried il-firma tal-missier, u rega' ha lura l-abbozz biex igib il-firma tieghu.

L-atturi isostnu li peress li l-ftehim kien redatt minn Jason Aquilina, u kien *standard form*, Jason Aquilina kien obbligat li jispjegahilhom. *Inoltre* jilmentaw li kienu zvantaggjati peress li, filwaqt li s-socjeta` konvenuta kienet konsapevoli tal-kondizzjonijiet tal-ftehim, ghalihom kien l-ewwel darba li rawh.

Il-Qorti ma tistax tikkondividi dan ir-ragunament li m'ghandu ebda bazi legali u fattwali. Li kieku s-socjeta` konvenuta kellha monopolju fuq *Vehicle Leasing* b'mod li l-atturi ma kellhomx ghazla ohra ghajr li jaccettaw dan il-ftehim minghajr tibdil, forsi kien ikollhom ragun. L-istess li kieku kellhom ta' bilfors jiffirmaw il-ftehim minghajr ma kellhom iz-zmien li jgharbluh jew almenu jaqrawh. Izda dan assolutament ma kienx il-kaz.

Is-socjeta` konvenuta topera f'suq kompetittiv tant li l-istess attur kien dahal *f'leasing agreements* ma' socjetajiet ohra qabel ma ffirma l-ftehim in kwistjoni. Kellu gja esperjenza ta' dawn it-tipi ta' arrangamenti, kien jaf jaqra u jikteb u kellu esperjenza fil-kummerc. Ma kienux kostretti jikkonkludu n-negozju mal-konvenut jekk il-kondizzjonijiet ma kienux joghgbuhom.

Noel Calleja qal li l-ftehim "*lanqas biss tah daqqa t'ghajn"*. Jekk dan hu verosimili, u l-Qorti wkoll ghandha d-dubji serji dwar dan, dan l-agir zgur ma jiskuzahx.

L-impunjazzjoni ta' kuntratt m'ghandhiex tigi akkolta b'mod legger u l-*bona fede* tal-partijiet in kwantu prezunta, ghandha tigi protetta. Ghalhekk il-Qrati taghna jaddottaw l-insenjament li mhux kull zball sostantiv huwa zball skuzabbli.

L-asserzjoni ta' Noel Calleja, li "*hass ruhu komdu*", u li kellu fiducja f'Jason Aquilina, ma jezonerawhx mir-responsabbilta' li almenu jaqra' l-ftehim - u b'hekk jaghmel dawk l-accertamenti li kull bniedem ragjonevolment jaghmel meta ser jiffirma kuntratt jew ftehim oneruz.

Kif gie ribadit fis-sentenza **"Adrian Borg noe. vs Godfrey Grima p.et.noe.et"-** Q.Kumm. deciza fit-3 ta' Gunju 1994, "*ma jistax jannulla obbligazzjoni minhabba traskuragni da parti tieghu. Lanqas mhu logiku li t-traskuragni tigi ppremjata. Anzi hija d-diligenza u l-vigilanza li ghandhom jigu premjati fuq l-iskorta tal-massima 'vigilantibus jura prosunt."*

U kif intqal iktar recentement minn din il-Qorti kif diversament presjeduta:- *"L-izball mhux skuzabbli meta huwa l-frott ta' negligenza kbira (culpa lata) li kieku ma kienx ghaliha l-kontraent kien ikun jista' jinduna bl-izball anke bi ftit diligenza. F'dawn il-kazi jkun irid jigi applikat il-principji 'qui sua culpa damnum sentit, non videtur damnum sentire'."*[7]

Ghar-rigward tal-allegat ghemil doluz, dan ma jirrizultax ippruvat a soddisfazzjon tal-Qorti. Ma jirrizulta minn imkien li Jason Aquilina adopera xi raggiri, jew ghamel xi dikjarazzjonijiet foloz li setghu jinducu lill-kontraenti li jiffirmaw dan il-ftehim. Lanqas jirrizulta bl-icken mod ippruvat li Jason Aquilina agixxa *in mala fede* u ecceda l-limiti fid-diskors normalment mistennija f'relazzjonijiet kummercjali.

Il-Qorti bilfors trid tosserva li l-garanzija hija mfissra fi kliem semplici u cari - "*in black and white"* fuq il-ftehim bejn il-kontendenti. L-attur isostni li Jason Aquilina naqas li jispjega l-kondizzjoni tal-garanzija, izda b'hekk ma jfissirx li rragira lill-atturi biex jottjeni l-kunsens taghhom. Anzi kif gja osservat din il-Qorti, l-atturi kellhom l-opportunitajiet kollha biex jaqraw u jiflu l-ftehim, fil-kumdita' u fil-privatezza, u mhux fil-prezenza ta' Jason Aquilina, jiehdu parir indipendenti, jekk ma fehmux kollox, jinnegozjaw tibdil fejn ma jaqblux, u sahansitra jaghzlu li ma jiffirmawhx. Ir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta mexa b'mod korrett tant li rrilaxxja l-ftehim lill-atturi u tahom l-ispazju kollu biex jaqrawh bil-kwiet u minghajr ebda pressjoni.

Fil-fatt tant kienet hielsa l-manifestazzjoni tal-volonta` taghhom li l-atturi lanqas iffirmaw il-ftehim quddiem ir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta.

Dawn il-konkluzjonijiet japplikaw ukoll fil-konfront ta' Anthony Calleja. Il-Qorti tifhem in-natura tar-relazzjoni bejnu u ibnu Noel Calleja, izda huwa biss ghandu jwiegeb

[7] **Carmel Farrugia v Alexandra Farrugia -** deciza fis-6 ta' Marzu 2003 (Cit.Nru. 924/97 RCP

ghall-konsegwenzi ta' ghemiltu. Is-socjeta` konvenuta zgur m'ghandha ebda htija jekk il-missier strah fuq il-fiducja li kellu f'ibnu minghajr ma qara l-ftehim.

Jirrizulta mhux ikkontrastat li n-negozjati u diskursati sehhew biss ma' Noel Calleja u ghalhekk ma kienx hemm kuntatti diretti bejn *London Services Limited* u Anthony Calleja sal-iffirmar tal-kuntratt. Il-Qorti hawnhekk tikkondividi s-sottomissjonijiet tad-difensur tas-socjeta` konvenuta fis-sens li *"perche' il dolo abbia rilevanza deve provenire dall'altro contraente. Se i raggiri sono stato uzati da un terzo, occorre, ai fini dell'annullabilita' del contratto, che siano noti al contraente che ne ha tratto vantaggio."*[8] Dan japplika wkoll fil-kaz ta' zball u kif gie ribadit f' "**Charles Spiteri v Associated Supplies Ltd"** - Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Ottubru 2003 (Citaz. Nru. 350/00) "l-*izball irid ikun dovut ghal xi att jew ommissjoni maghmula mill-parti l-ohra*."

Il-Qorti ghalhekk ma ssibx li jikkonkorru l-elementi mehtiega sabiex jigi ppruvat li l-kunsens tal-atturi, meta ffirmaw ghall-garanzija personali, kien vizzjat bi zball sostantiv jew karpit b'qerq.

**Preskrizzjoni *a tenur tal-Artikolu 1222(1) tal-Kap.16***

Is-socjeta` konvenuta eccepiet li l-azzjoni attrici hija preskritta *a tenur* tal-artikolu 1222(1) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. In sostenn ta' dan tghid li l-attur Noel Calleja xehed li sar jaf bil-kwistjoni tal-garanzija meta ircieva citazzjoni fl-ismijiet ***London Services Limited et. v Sahara Studios Company Ltd et****.* (Cit. 251/04 RCP), liema kawza giet intavolata fit-13 ta' April 2004.

Issostni wkoll li dan mhux kredibbli peress li baghtet ittra ndirizzata wkoll lil Noel u Anthony Calleja personalment, datata l-21 ta' Novembru 2003 u allura bilfors kienu jafu qabel li kienu qed jigu interpellati personalment.

Illi l-**artikolu 1222 tal-Kap.16** jipprovdi:-

[8] Torrente Andrea, *Manuale di Diritto Privato (17 ed.-2004), p. 198*

*“Meta l-ligi f’xi kaz partikolari ma tistabbilixxix zmien aqsar, l-azzjoni ghar-rexissjoni minhabba vjolenza, zball, eghmil doluz, stat ta’ interdizzjoni, jew nuqqas ta’ eta’, taqa’ bil-preskrizzjoni eghluq sentejn”.*

Illi *inoltre’* l-**artikolu 1223 (1) tal-Kap.16** jipprovdi:-

*“Iz-zmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jibda jghodd biss, fil-kaz ta’ vjolenza, minn dakinhar li l-vjolenza tispicca, u, fil-kaz ta’ zball, ta’ eghmil doluz, jew ta’ kawza falza, minn dakinhar li jinkixef id-difett.”*
Hu pacifiku fil-gurisprudenza taghna li "*hemm l-obbligu li l-Qorti dejjem u f'kull kaz trid tistharreg u tindaga minn liema data dik il-preskrizzjoni bdiet tiddekorri, u meta mill-provi ma tistax tasal biex tistabbilixxi dik id-data, jkollha tichad l-eccezzjoni*" *(**“Quintano vs Calleja et”** – A.C. 5 ta’ April 1993.)*

Fic-cirkostanzi jirrizulta ippruvat biss li l-atturi kienu jafu bir-responsabbilta' personali taghhom fid-data tal-ittra imsemmija, cioe' fil-21 ta' Novembru 2003 fil-waqt li l-kawza odjerna giet ipprezentata fl-1 ta' Gunju 2005 u b'hekk ma jirrizultax ippruvat soddisfacentement li ghaddew sentejn sal-prezentata ta' din il-kawza.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni *a tenur* tal-artikolu 1222(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra tas-socjeta` konvenuta u **tichad** it-talbiet attrici.

L-ispejjez kollha jithallsu mill-atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------